MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 437/2004

Kawza fil-lista: 45

**A B u C D f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha E, nominata b' digriet tas-7 ta' Jannar 2005**
**vs**

**F G u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Premess illi C D izzewget lill-konvenut F G fil-15 ta' Marzu 2003 u l-partijiet isseparaw legalment fl-1 ta' Gunju 2004;

Premess illi l-attrici u l-konvenut ilhom separati de facto minn Gunju 2003;

Premess illi l-atturi ghandhom relazzjoni, minn liema relazzjoni twieldet il-minuri E G fit-3 ta’ Lulu 2004, certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala NZ1;

Premess illi fuq l-att tat-twelid tal-minuri E, il-konvenut qiehed imnizzel bhala l-missier naturali tal-minuri;

Premess illi l-missier naturali tal-minuri huwa l-attur A B u mhux il-konvenut F G;

Premess illi l-konvenut qatt ma koabita ma’ l-attrici bejn it-tlitt mitt u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tarbija;
Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li t-tifla bl-isem ta’ E G li twieldet mill-attrici C D fit-3 ta’ Lulju 2004, mhix bint l-konvenut kif jidher dikjarat fl-Att tat-Twelid Numru 2366 (Dok NZ1).

2. Tiddikjara li l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri E u tordna l-korrezzjonijiet ta’ l-att tat-twelid f’ dan is-sens.

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji w opportuni fl-Att tat-Twelid ta’ l-imsemmija E G li jgib n-numru ta’ iskrizzjoni 2366, u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess Atti tat-Twelid sabiex isem il-konvenut u l-konnotati tieghu ma jidhrux fuq l-Att imsemmi taht il-kolonni intestati : “Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija”, “eta’”, “fejn twieled”, “fejn joqghodu” u “isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” u minflok jidhlu d-dettalji tal-attur A B.

Bl-ispejjez.

Il-konvenuti ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-attrici ghandhom jispecifikaw d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali l-attur A B biex jekk it-talbiet attrici jigu milqugha dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid koncernat.

3. Illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu il-kliem "the said" iridu jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tispecifika d-dettalji ta' l-omm fl-Att ta' Twelid in kwistjoni.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda ta' dawn il-partijiet;

Rat li l-konvenut F G, debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat ir-rapport xjentifiku tal-espert Christopher D, minnu debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attruri qedin jitlobu dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-minuri E mhijiex il-wild naturali tal-konvenut F G, izda hija l-wild naturali ta' l-attur

A B; u talbu il-korrezzjoni relattiva fl-Att tat-Twelid tal-minuri, bin-numru 2366/04.

Ghalhekk l-azzjoni odjerna hija bazata fuq id-dispsot tal-Artikolu 77 tal-Kodici Civili li jiddisponi li l-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi impunjata wkoll minn kull persuna interessata jekk din tipprova li fil-perijodu indikat fl-istess Artikolu r-ragel kien "fl-impossibilita' fisika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha".

F' dan l-istadju u b' referenza ghal valur probatorju tal-prova genetika f' kazijiet konsimili bazati fuq id-dispost tal-Artikolu 77, il-Qorti taghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza PA[PS] Anna B vs Carmelo B et noe deciza fit-28 ta' Frar 2003.

Mill-provi jirrizulta li l-attrici C D kienet izzewwget lill-konvenut F G fil-15 ta' Marzu 2003, u f' Gunju ta' l-istess sena l-koppja sseparaw de facto, stante li kif qalet l-attrici l-konvenut ma riedtx tfal. Fl-1 ta' Gunju 2004 isseparaw legalment.

Illi wara li l-attrici sseparat de facto minn ma' zewgha hija bdiet relazzjoni ma' l-attur A B li kienet ilha taf ghal zmien twil, u wara ftit taz-zmien il-partijiet bdew jikkonvivu flimkien u r-relazzjoni ta' bejniethom tant issodat li ddecidew li jkollhom tarbija minn din ir-relazzjoni. In fatti, fit-3 ta' Lulju 2004 twieldet it-tarbija E minn din ir-relazzjoni, li pero' stante li l-attrici hija mizzewwga lill-konvenut G, it-tifla giet registrata that dan il-kunjoni, bil-konvenut F G jigi registrata bhala missierha.

Illi l-attrici ssostni kategorikament li meta hija sseparat minn ma' zewgha de facto hija ma kellhiex aktar x' taqsam mieghu, u meta qabdet ir-relazzjoni ma' l-attur A B hija ma kellhiex x' taqsam ma' hadd hlief ma' dan. Ghalhekk issostni li t-tifla E hija bint l-atturi.

Illi rizultat ta' testijiet tad-DNA li saru minn kampjuni mehudin minn fuq il-persuni ta' l-attur A B, tat-tifla E u ta' l-omm jikkonfortaw it-tesi ta' l-atturi, u ghalhekk tinsab

esklusa b' certezza assodanti l-preteza favor legittimatis krejata bl-att tat-twelid tal-minuri; stante li mill-provi akkwiziti jirrizulta li din hija l-wild naturali ta' l-attur A B.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-minuri E mhijiex it-tifla naturali tal-konvenut F G, izda hija l-wild naturali ta' l-attur A B, bin Victor [haj] u li fiz-zmien tat-twelid tat-tarbija kellu 32 sena; u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkorregi l-Att tat-Twelid numru 2366/04 tal-minuri E billi jitnehha l-isem u l-konnotati tal-konvenut F G u minflok jitnizzel l-isem ta' l-attur A B u l-konnotati tieghu.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attur u ta' l-attrici proprio fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------